C/2024/7397

9.12.2024

Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(C/2024/7397)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

fil-paġna 412

9503 00 35

u Settijiet ta' kostruzzjoni u ġugarelli ta' kostruzzjoni oħrajn

9503 00 39

it-test eżistenti huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dawn is-subintestaturi jinkludu settijiet tal-kostruzzjoni u ġugarelli tal-kostruzzjoni għajr kits għall-assemblaġġ ta' mudelli ta' daqs imnaqqas ('skala'), li għandhom il-karattru ta' ġugarelli. Oġġetti bħal dawn għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

— jikkonsistu f'għadd ta' komponenti individwali miġburin flimkien f'pakkett;

— il-komponenti individwali jikkumplementaw lil xulxin u mhumiex tajbin biex wieħed jilgħab bihom waħedhom. Ma' dawn is-settijiet tal-kostruzzjoni jistgħu jiġu pprovduti struzzjonijiet għall-assemblaġġ;

— il-prinċipju bażiku huwa li l-kostruzzjoni/l-assemblaġġ innifsu huwa l-iskop ewlieni tal-ġugarell.

Dawn is-subintestaturi ma jinkludux oġġetti ppreżentati mhux assemblati (GIR 2 (a)), pereżempju, għal raġunijiet ta' imballaġġ, li l-valur ta' divertiment tagħhom jingħata biss wara l-assemblaġġ."

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.